# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti ta' l-Ħamsa w Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 30 t' April 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Vici Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Audited Financial Statements 2013*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Awditur tal-Kunsill sabiex jispjega l-emendi rikjesti mill- Awdituri tal-Gvern.

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-ewwel emenda tirriżulta minn spiża ta' mitejn u tletin ewro (€230) li ġiet iċċarġjata wara s-sena u ma saritx previżjoni għaliha. Madanakollu jidher li dan l-ammont ġie provdut f'total wieħed iżda il-Kunsill għandu jaċċetta l-emenda ta' l-Awdituri Ġenerali u fl-eventwalita' l-Kunsill jirrispondi fil-Management Letter jekk ma jaqbilx ma din il-proposta'.

2.2 It-tieni emenda tinkludi riklassifikazzjoni ta' l-ammont tal-loan tal-Bank fis-short term. Id-differenza fl-interpretazzjoni tal-Kunsill ma dik ta' l-Awdituri hija li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li fl-ammont tal-pagamenti tal-loan jinkludi l-parti ta' l-interessi wkoll . L-Awdituri minflok talbu li l-interessi wkoll ma jiġhux ikkapitalizzati mas-self.

2.3 Il-Kunsill ma rrekordjax provista ta' dħul ta' finanzjament mill-Gvern ta' erba' t'elef ewro (€4000) fuq Skema Kulturali liema somma l-Kunsill irċieva fis-sena 2014.

2.4 Ir-raba' aġġustament kien jinvolvi is-somma ta mija sebgħa u sebgħin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€177.77) fid-debituri ta' l-LES liema differenza nħolqot bejn rapport 622 mis-sistema l-ġdida għal dik antika. Il-Kunsill ħa l-ammont li jidher fuq rapport 622 mis-sistema l-ġdida

filwaqt li l-Awdituri tal-Ġvern ħadu l-ammont li jidher fir-rapport 622 mis-sistema l-antika. Dan ifisser li ż-żewġ sistemi ma jaqblhux u nħarġet din id-differenza. Il-Kunsill m'għandhux triq oħra ħlief li jaċċetta l-emenda proposta mill-Awditur tal-Gvern.

2.5 L-emenda suċċessiva mitluba mill-Awdituri tal-Gvern tikkonċerna aġġustament fl-interess tal-PPP u dan irriżulta minħabba żball preċedenti fuq proposta mill-istess Awdituri meta awditjaw il-Financial Statements tas-sena 2013. Dan ifisser li din l-emenda qed tikkanċella emenda proposta fl-awditjar tas-sena 2013.

2.6 Fl-aħħar u mhux lanqas ġie provdut provista ta' dħul ta' għaxar t'elef ewro (€10,000) taħt l-Iskema Aċċessibilta' Aħjar relatata mall-Lift tal-Kunsill liema fondi ġew mgħoddija lill-Kunsill fis-sena 2014 u billi l-Binja Amministrattiva l-ġdida tal-Kunsill ma kienitx għadha tlestiet din ma kienitx inkluża fil-Financial Statements.

2.7 Wara li ħadd ma kellhu kummenti u suġġerimenti fuq dan ir-rapport, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport kif ippreżentat. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w kwart ta' Filgħaxija (6.15pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv